

Brussell, 21 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15594/25

TELECOM 409
COMPET 1181

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	L-infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali fir-rigward tal-pjattaformi online u l-kummerċ elettroniku - Skambju ta' fehmiet

Fid-dawl tal-Kunsill TTE (TELECOM) tal-5 ta' Diċembru 2025, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness in-nota ta' informazzjoni tal-Presidenza dwar l-infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali fir-rigward tal-pjattaformi online u l-kummerċ elettroniku.

DOKUMENT TA' DISKUSSIONI

**L-infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali fir-rigward
tal-pjattaformi online u l-kummerç elettroniku**

Laqgħa tal-Kunsill Telekomunikazzjoni

Brussell, 5 ta' Diċembru 2025

F'dawn l-aħħar snin, l-espansjoni rapida tal-pjattaformi online u l-kummerç elettroniku transfruntier sawret mill-ġdid b'mod sinifikanti l-funzjonament tas-Suq Uniku. Is-swieq online issa jikkostitwixxu punt ta' aċċess primarju għall-konsumaturi, inkluż il-minorenni, filwaqt li sehem dejjem akbar ta' oġġetti huwa fornut minn negozjanti stabbiliti barra mill-Unjoni Ewropea. Din l-evoluzzjoni ħolqot opportunitajiet ekonomiċi ġodda, iżda fl-istess ħin kixfet sfidi regolatorji u ta' infurzar persistenti.

Inċidenti reċenti wasslu għal enfasi qawwija fuq dawn l-isfidi. F'diversi Stati Membri, l-awtoritajiet identifikaw id-disponibbiltà ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, armi tal-kategorija A u prodotti mediċinali esklużivament bir-riċetta fuq Shein mingħajr restrizzjonijiet effettivi fuq l-aċċess. Kien hemm rapporti ta' sejbiet komparabbli dwar pjattaformi oħra ta' pajjiżi terzi attivi fis-suq uniku. Każijiet bħal dawn jistgħu jindikaw nuqqasijiet sostanzjali fil-ġestjoni tar-riskji sistemiċi u jistgħu jindikaw li ċerti pjattaformi mhumiex qed jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti ewlenin tad-dritt tal-UE. Minħabba n-natura intrinsikament transfruntiera tal-kummerç elettroniku u t-tixrid rapidu ta' kontenut illegali u prodotti mhux sikuri fl-UE, huwa meħtieġ rispons Ewropew ikkoordinat.

L-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) jistipula obbligi komprensivi għall-pjattaformi online kbar ħafna, li jkopru valutazzjonijiet tar-riskju, miżuri ta' mitigazzjoni u skrutinju tan-negozjanti. Huwa għodda regolatorja orizzontali biex jiġi żgurat li l-pjattaformi online kbar ħafna jonoraw ir-responsabbiltajiet tagħhom. Madankollu, każijiet reċenti jissuġġerixxu li l-infurzar fl-oqsma regolatorji rilevanti għadu mhux integrat biżżejjed. L-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni tad-DSA, is-sikurezza tal-prodotti, is-sorveljanza tas-suq, il-protezzjoni tal-konsumatur u d-dwana spiss joperaw fuq linji separati, filwaqt li l-pjattaformi kkonċernati jolqtu dawn l-oqsma kollha.

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kummerċ elettroniku ta' Frar 2025 enfasizzat il-ħtieġa għal infurzar olistiku. L-aħħar inċidenti jkomplu jenfasizzaw l-importanza li tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn il-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali, in-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPC), in-Network Ewropew għall-Konformità tal-Prodotti (EUPCN), l-awtoritajiet doganali u sħab operazzjonali oħra. Huwa meħtieġ qafas aktar koerenti u interoperabbli biex tiġi żgurata azzjoni f'waqtha u effettiva, jiġu ssalvagwardjati l-konsumaturi, b'mod partikolari l-minorenni, u jinżammu kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku.

F'dan l-isfond, l-Istati Membri mistiedna jirriflettu dwar kif l-istrumenti u l-oqfsa eżistenti tal-UE jistgħu jiġu sfruttati b'mod aktar effettiv biex jiġi żgurat infurzar kollettiv effettiv.

Mistoqsijiet ta' gwida għad-diskussjoni:

- *Tikkondividu t-tħassib dwar il-pjattaformi tal-kummerċ elettroniku ta' pajjiżi terzi li joperaw fis-suq uniku tal-UE?*
- *Kif jistgħu l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw koordinazzjoni aħjar bejn is-superviżjoni tad-DSA, is-sikurezza tal-prodotti, is-sorveljanza tas-suq, id-dwana u l-protezzjoni tal-konsumatur sabiex jiġi żgurat rispons koerenti u effettiv tal-UE għall-isfidi ppreżentati mill-pjattaformi tal-kummerċ elettroniku?*
- *Fid-dawl tal-isfidi rikorrenti fuq il-pjattaformi tal-kummerċ elettroniku, hemm bżonn li tiġi vvalutata mill-ġdid l-eżenzjoni mir-responsabbiltà għall-fornituri ta' pjattaformi ta' pajjiżi terzi u li dawn isiru aktar responsabbli għall-oġġetti mibjugħa fuq il-pjattaformi tagħhom?*